MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 179/2002

Il-Pulizija
(Spettur R. Mercieca)
Vs
Alfred Vassallo

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-18 ta’ Settembru, 2001 u fil-jiem precedenti, fil-Belt Valletta jew/u f’xi bnadijiet ohra f’Malta f’hinijiet differenti, b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda :

a) organizza xi pool fuq loghob projbit jew gabar gugati dwar hekk, sew bi hlas fil-pront jew bid-dejn, jew ghen jew hajjar biex isiru dawn il-pools b’xi mod u dan bi ksur tal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 131 tal-ligijiet ta’ Malta;

b) kellu x'jaqsam ma ghemil ta' mhatra maghduda mhatra li ghandha x'taqsam ma xi loghob, sport jew grajja f'Malta jew x'imkien iehor billi ha sehem f'pools tal-futbol Ewropej, minghajr ma kienu permessi minn xi ligi bi ksur tal-Artikolu 338 (ii) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Lulju, 2002, li biha wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kap 9 sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni li tassorbixxi fiha t-tieni imputazzjoni , stante l-piena karcerarja mhix suggerita mic-cirkostanzi tal-kaz, ikkundannatu ghal LM1000 (elf lira Maltin) multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil- 5 t'Awissu, 2002 li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok tillibera lill-esponent minn kull htija w piena jew inkella tvarja l-istess sentenza billi tikkonfermha fil-parti fejn sabitu hati u tvarjha fil-parti li kkundannatu ghall-piena ta' LM1000 multa.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor , jikkonsistu fis-segwenti u cioe' li l-Ewwel Qorti sabitu hati erronjament tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu taht l-artikolu 16 tal-Kap.131 ghax dawn ma gewx ippruvati ; Illi assumendo li hu instab hati biss taht is-subinciz (2) tal-Artikolu 16 b'inferenza mill-piena inflitta , peress li l-Ewwel Qorti ma indikatx preciz taht liema subinciz kienet qed issib htija, galadarba huwa kellu fil-pussess tieghu "coupons" li ghandhom x'jaqsmu ma' "pools" fuq loghob stabilita barra minn Malta , allura dan il-fatt wahdu gja jeskludi r-reat kontemplat taht l-art. 16 (2) peress li dan jirrikjedi li l-"pools" jigu organizzati mill-imputat innifsu. Ghalhekk l-element oggettiv tar-reat kontemplat fl-art. 16 (2) huwa inezistenti . Illi se mai l-akkuzat kien irrenda ruhu hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 23 tal-Kap.131 izda ladarba hu ma giex akkuzat b'dar-reat , allura qatt ma jista' jinstab hati tieghu. Illi fir-rigward tat-tieni mputazzjoni w cioe' dik kontenuta fl-artikolu 338 (ii) tal-Kap.9 , mid-dicitura stess ta' dan l-artikolu jirrizulta li jekk l-appellant ikun hati ta' reat li jgib piena oghla minn dik provvduta taht l-art. 338 (ii) , dan l-istess artikolu ma jkunx applikabbli . Ghalhekk jekk l-

appellant kien hati taht xi reat taht il-Kap.131 , allura l-artikolu 338 (ii) tal-Kap.9 qatt ma kellu jigi konsidrat , peress li dan tal-ahhar huwa ta’natura kontravenzjonali ; Illi bla pregudizzju , u f’kaz li hu kellu jinstab hati tar-reat kontemplat fis-sub-inciz (4) tal-istess artikolu 16 tal-Kap.131 , l-piena inflitta hija wahda eccessiva peress li mhix konformi mad-dispozizzjonijiet tal-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali,

Semghet ix-xiehda mil-gdid fil-kors tas-seduta tas-7 ta’ Novembru, 2002, u rat il-verbal registrat fl-istess seduta li bih, wara li Dr. J. Herrera ghall-appellant iddikjara li d-difiza ma tikkontestax illi nstabu l-karti tal-”foreign pools” fuq il-persuna w l-hwejjeg tieghu kif ukoll li hu kien qal lill-pulizija li waqqfuh li ma jafx kif il-karti gew fuqu , kif ukoll li ma ghandux ecccezzjoni dwar il-genwinita’ w l-volontarjeta’ tal-istatement rilaxxjat mill-appellant li jinsab a fols. 4 u 5 tal-process , l-Avukat Generali ma nsistiex ghall-produzzjoni ta’ P.C. Joseph Filletti .

Semghet it-trattazzjoni fil-kors tal-istess seduta,

Rat l-Ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghal-lum ghas-sentenza ;

ikkonsidrat ;

Illi kif jirrizulta mix-xiehda ta’ W.P.C. 64 Connie Cauchi u W.P.C. 25 Charlene Camilleri , fit-18 ta’ Settembru, 2001, ghall-habta tal-11 a.m. , waqt li huma kienu ghaddejjin minn taht City Gate, gejjin minn search , innotaw ragel - l-appellant - li kien bil-qeghda fuq targa juri karta li kellu f’idu lil ragel iehor li kien bil-wieqfa , quddiem fejn hemm il-Burger King . Kellmuhom u fil-waqt li lir-ragel li kien bil-wieqfa ma sabulu xejn , lill-appellant sabulu karti ohra fil-but, wara li kien qalilhom li l-karti li kellu f’idu ma kienux tieghu u li ma kienx jaf kif gew ghandu . Dawn gharfu il-karti esebiti bhala lista li jkun fihom l-ismijiet tal-partiti tal-football , tal-clubs ta‘ barra minn Malta (Dok. JF6) . Uhud mill-karti kienu “cuttings” w ohrajn kienu pprintjati .

L-appellant ghamel stqarrija l-ghada u din tinsab a fol. 4 u 5 tal-process li dwarha d-difiza ddikjarat li m' ghandha ebda kontestazzjoni . F'din l-istqarrija , l-appellant qal li hu kien sab il-karti tal-football ta' barra fl-art u qaghad jaqrahom biex ikun jaf x' loghob hemm . Anki r-ricevuti bojod bl-ismijiet tat-timijiet fuqhom kien sabhom kollha fl-art . Ghad-domanda jekk dawn il-karti nstabux fil-but tieghu , l-appellant wiegeb illi l-karti kienu tahtu w hu qam u tahomlhom lill-Pulizija . Ghad-domanda jekk hu kienx qed jikteb fuq dawn il-karti , l-appellant kien wiegeb li kien ser jikteb min kien ser jirbbah , mhux biex jilghab il-"pools" izda biex jghaddi z-zmien . Kellu l-biro f'idejh u kien ser inizzel min ser jirbah . Ma kienux qabduh jikteb , qabduh bil-biro w l-karti miftuhin . Ma jafx li hu illegali li jikteb il-"pools" . Il-karti bojod bil-kitba fuqhom relatata mat-timijiet tal-football datati 15 ta' Settembru, 2001 ma kienux tieghu ghalkemm il-Pulizija sabuhom fuqu . Mistoqsi la ma kienux tieghu w la hu kien sabhom mall-art , x'kienu qed jaghmlu fil-but tieghu, l-appellant wiegeb li hu kien tefaghhom fil-but ghax hasibhom flus.

Illi fl-envelope immarkat JF6 kien hemm esebiti s-segwenti dokumenti :-
zewg faccati stampati li x'aktarx gew ricevuti fuq xi fax machine jew riprodotti fuq xi photocopier li juru "fixtures" ta' "Midweek Football" ta' teams Inglizi fuq naha wahda tal-faccata u ta' "fixtures" ta' Midweek European Football Cups fuq il-faccata ta' wara w dana ghad-dati tal-11th. , 12th, u 13th. September, 2001 fuq karta wahda w ghad-dati tal-18th. , 19th. u 20th. September, 2001 fuq il-karta l-ohra . Fuq faccata minnhom u cioe' dik li turi il-"Midweek Football Ingliz" ghall-ewwel tlitt dati kien hemm tmin iskrizzjonijiet miktuba bil-biro li jaghtu xi "odds" jew rizultat u akkompanjati minn cifra ta' LM10 f'seba kazi u ta' LM20 f' kaz wiehed.
Karta ohra stampata b' data fuq fix-xellug tad-09-jun-99 u hin ta' 11.46 fuq naha minnhom li turi:
" French Spanish League German Bundesliga 14th. , 15th. u 16th. September, 2001" u li fuqha fin-naha t'isfel kellha miktubin bil-biro tmin ismijiet ta' teams Inglizi b'rizultati hdejhom u fuq in-naha ta' wara il-"fixtures" tal-

“Italian League” ghad-dati 14th., 15th u 16th. ta’ Settembru, 2001.
karta ohra stampata fuq naha wahda intitolata ODDS AT A GLANCE dwar football Ingliz , u fuq wara ta’ din il-karta kien hemm tlitt iskrizzjonijiet li juru ismijiet ta’ teams Ewropej b’zewg cifri ta’ Lm10 taht tnejn minnhom u cifra ta’ LM20 taht l-ohra.
Cutting mill-isports pages tal-Orizzont tas-Sibt , 25 t’ Awwissu, 2001 li juri poloz u d-draws tal-loghob Ewropew ;
Cutting minn xi gurnal mhux identifikat li juri r-rizultati tat-Tazza UEFA II Leg , I Round u
tlitt (3) Invoice/Cash Sale datati 15.09.01 b’ismijiet ta’ teams fuqhom u cifri miktubin f’ghamla ta’ fractions b’ “/ “ bejn kull zewg cifri.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant hu li jekk instab hati tal-artikolu 16 (2) tal-Kap. 131, qatt ma messu nstab hati ta’ dan ir-reat , imma , se mai , taht l-artikolu 23 tal-Kap.131 [qabel ma dan il-Kapitolu “Att Dwar il-Pools tal-Gvern Malti Fuq il-Loghob gie imhassar bl-Att XXIV.2001.80 (3) li gie fis-sehh bl-Avviz Legali 240 tas-sena 2002, izda pero‘ li procedimenti legali mibdija tahtu mhumiex milquta a tenur tal-artikolu 12 tal-Interpretation Act (Kap.249 tal-Ligijiet ta‘ Malta.) ]

Illi din il-Qorti tosserva fl-ewwel lok li s-sottomissjoni tal-appellant li ma jafx ezatt taht liema subinciz tal-artikolu 16 fuq imsemmi nstab hati , hija nfondata w skorretta ghax, kif jidher car fil-paragrafu penultimu tas-sentenza appellata , hu nstab hati taht l-artikolu 16 (2) u taht ebda subinciz iehor.

Illi dan is-subinciz jiddisponi li :-

***“kull min jorganizza xi pool fuq il-loghob projbit jew jigbor gugati dwar hekk sew bi hlas fil-***
***pront jew bid-dejn , u kull min jghin jew ihajjar l-istess b’ xi mod , ikun jista’ meta jinsab***
***hati , jehel multa ta’ mhux inqas minn elf lira u mhux izjed minn hamest elef lira u prigunerija ghal zmien sitt xhur sa tnax il-xahar*** .“

Illi l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-provi prodotti huma sufficjenti biex jigi definittivament stabilit li l-appellant kien qed jorganizza imhatri fuq "xoghol" (sic!) tal-football li jintlaghab fl-esteru u li l-loghob li ghalih jirriferi l-artikolu 16 mhux il-loghob tal-football izda "loghob tal-gugati" u ghalhekk jirrizulta illi l-imputat kien fil-fatt qieghed jorganizza "pool" fuq loghob ipprojbit kif kontemplat fl-artikolu 16 (2) tal-Kap.131.

Illi din il-Qorti m'ghandiex dubju - kif ma kelliex l-ewwel Qorti - li l-appellant kien fil-fatt involut f'organizzazzjoni ta' gugati dwar ir-rizultati ta' loghob tal-football esteru . Dan johrog car mid-dokumenti elevati minn idejh u minn bwietu , partikolarment il-kitbiet li hemm fuqhom li ma kull rizultat , jindikaw cifra ta' flus li hi jew ta' Lm10 jew ta' LM20 . Illi l-ispjegazzjoni li hu ta a tempo vergine liz-zewg Police Women u lil Pulizija li apprendewh "in flagrante" u cioe' li l-karti ma kienux tieghu u li ma kienx jaf minn fejn gew u dik li ta sussegwentement fl-istqarrija tieghu u cioe' li kien sabhom fl-art u dahhalhom f'butu ghax haseb li kienu flus , la hija wahda probabbli w inqas u inqas wahda kredibbli . Dan donnu jaccettah l-istess appellant bil-linja difensjonali li hu ha w cioe' li mhux suppost li gie akkuzat taht l-artikolu 16 imma taht l-artikolu 23 tal-Kap. 131 li jitkellem fuq "pools" fuq il-loghob imwaqqfin barra minn Malta.

Issa l-artikolu 23 hekk invokat mill-appellant jitkellem fl-ewwel zewg subincizi fuq min jikseb minn barra, jbiegh , iqassam jew jakkwista sabiex ibiegh jew iqassamhom f'Malta , kupuni mahrugin dwar pools fuq il-loghob imwaqqfin barra minn Malta u is-subinciz (3) jitkellem fuq kull min jaghmel gugati fuq kupuni ta' pools fuq il-loghob mwaqqfin barra minn Malta . Issa fil-kaz in ezami , ma hemm ebda evidenza li l-appellant kien kiseb, biegh , qassam jew akkwista biex ibiegh u jqassam xi kupuni simili f' Malta . Kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant ,fost il-karti li instabu fil-pussess tieghu ma nstabux kupuni ta' xi loghob ta' pools imwaqqfin barra minn Malta . Ghalhekk il-Prosekuzzjoni ma setghetx

takkuza lill-appellant  bir-reat kontemplat fl-artikolu 23 tal-Kap.131, kif qed jippretendi li kellu jsir l-appellant.

Jibqa' ghalhekk biex jigi ezaminat  jekk il-fattispecji li rrizultaw jammontawx ghar-reat kontemplat fl-art. 16 (2) li tieghu instab hati l-appellant mill-Ewwel Qorti.  Illi fil-fehma ta' din il-Qorti , l-provi juru li l-appellant kien munit bil-fixtures ta' diversi  leagues tal-football kemm Inglizi, kif ukoll kontinentali w Taljan, li kienu ser jintlabu proprju fil-granet immedjetament qabel u immedjetament wara d-data meta hu gie imqwaqqaf mill-Pulizija. Inoltre mill-iskrizzjonijiet in iscritto li hemm fuq d-diversi karti , li juru isminijiet ta' teams u cifri f' liri Maltin magembhom kif ukoll mill-karti ta' "invoice/ cash sale" b'ismijiet ta' teams u cifri hdejhom , jidher li hu kien qed izomm gugati fuq dan il-loghob li  ghandhom mill-"pools" , li wara kollox huma previzjoni tar-rizultati ta' loghob li jkun ser jintlaghab.

Illi l-artikolu  16A tal-Kap.131 kien  jiddisponi li :-

***"Kull min jinsab li jkollu pussess mhux awtorizzat ta' oggetti li normalment jintuzaw  sabiex isir pool fuq il-loghob li jkun projbit , bhal registri, biljetti, kupuni, poloz, matricijiet , counterfoils,  tikketti    tal-hlas    , kartelli , jew ghodod tal-loghob , ghandu jkun prezunt li jkun qieghed jorganizza  pool  fuq  il-loghob  li  jkun ipprojbit , kemm il-darba ma tingiebx  prova xort' ohra."***

Illi l-appellant li ghazel li ma jixhidx , apparti dak li qal fl-istqarrija tieghu w dak li qal a tempo vergine lit-tlitt ufficjali tal-Pulizija li waqqfuh , ma gabx l-icken prova konvincenti - al menu sal-grad tal-probabbilita' - biex jegheleb din il-prezunzjoni ta' htija li titfa' fuqu il-ligi . Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha kull dritt li  bil-logika w bil-ligi tikkonkludi li hu kien involut fl-organizzazzjoni ta' gugati fuq loghob projbit u ssibu hati taht l-art. 16 (2) tal-Kap.131.

Illi umbaghad ghar-rigward tat-tieni imputazzjoini kontemplata  fl-artikolu 338 (ii) tal-Kap. 9 , u cioe'  dik li tirigwarda l-kaz ta' min jaghmel jew jipprova jaghmel jew b'xi mod ikollu x'jaqsam ma l-eghmil ta' xi mhatra

maghduda li ghandha x’’ taqsam ma xi loghba , sport jew grajja f’Malta jew x’imkien iehor , jew li jkun prezenti f’xi post fejn ikun qed issir xi imhatra bhal dik , hlief kif permess bil-ligi , din ghall-istess ragunijiet u konsiderazzjonijiet ta’ fatt fuq esposti kellha ukoll tirrizulta bhala fatt .

Pero’ - kif sew issottometta l-abbli difensur tal-appellant - din il-kontravvenzjoni tirrizulta “kemm il-darba xi ligi ohra ma tipprovdix ghall-piena oghola ghar-reat.“ Issa, fil-kaz in ezami , l-appellant , b’dak li ghamel , gie li nkorra s-sanzjoni mposta bl-artikolu 16 (2) tal-Kap.131 li indubbjament tipprovdi ghall-piena oghola minn dik preskritta ghall-ksur tal-ligi ta’ natura kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338 (ii) li hu punibbli biss bid-detenzjoni , ammenda, jew ic-canfira jew it-twiddiba skond l-artikolu 7 (2) tal-Kodici Kriminali.

Illi ghalhekk ladarba l-appellant instab hati taht l-art. 16 (2) tal-Kap.131 mhux suppost li nstab hati ta’ dan ir-reat ta’ natura kontravenzjonali ghax dan hu eccettwat mill-istess subinciz . Hu veru li l-Ewwel Qorti ma applikatx piena ghal din it-tieni mputazzjoni ghax qalet li din hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni , pero’ kienet tkun aktar korretta kieku ddikjarat li din l-imputazzjoni ma setghetx tirrizulta htija tahtha ladarba gja kienet instabet htija taht l-art. 16 (2) tal-Kap. 131.

Illi dwar il-piena, l-Ewwel Qorti diga nizlet taht il-minimu w, bl-applikazzjoni tal-art. 21 tal-Kap.9 , tat piena tal-inqas multa possibbli ta’ elf lira Maltin u dana meta l-massimu kien ta’ hamest elef lira Maltija w inoltre ma applikatx il-piena karcerarja mandatorja w tassattiva ta’ zmien minn sitt xhur ta’ tnax il-xahar . Ghaldaqstant zgur li ma jistax jintqal li l-piena applikata mill-Ewwel Qorti kienet b’xi mod eccessiva jew tohrog barra mill-parametri tal-ligi u ghalhekk din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghala ghandha tvarja tali piena.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-appellant limitatament biss fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata, billi tirrevokha in kwantu sabet lill-appellant hati

tat-tieni imputazzjoni kontemplata fl-artikolu 338 (ii) tal-Kap.9 u ddikjarat izda li din hija assorbita fir-reat kontemplat fl-ewwel imputazzjoni u minnflok tilliberah minnha stante li ma ghandix tinstab htija ta’ dan ir-reat meta xi ligi ohra tipprovdi ghall-piena oghla ghall-istess reat , kif inhu f’ dan il-kaz, u tikkonfermha in kwantu ghall-kumplament taghha , fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w fejn ,bl-applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali (Kap.9), ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta’ elf lira Maltin (LM1000)

--------------------------------TMIEM--------------------------------